

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1734**

**tal-14 ta' Novembru 2018**

**li tagħti derogi lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Taljana u r-Repubblika ta' Ċipru fir-rigward tal-provvediment tal-istatistika skont ir-Regolament (UE) 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(notifikata bid-dokument C(2018) 7465)

(It-testi bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ispanjol u bit-Taljan biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2008/92/KE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħi,

Billi:

- (1) Il-Ġermanja, Spanja, l-Italja u Ċipru ppreżentaw talbiet lill-Kummissjoni biex jiġi derogi fir-rigward tal-provvediment ta' data statistika spċċifika dwar il-prezzijiet tal-gass naturali u l-elettriku.
- (2) L-informazzjoni/ir-raġunijiet mogħtija minn dawk l-Istati Membri jiġiustifikaw l-għoti tad-derogi.
- (3) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kunitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

**ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:**

**Artikolu 1**

Id-derogi li ġejjin qed jingħata hawnhekk mid-dispożizzjoniż tar-Regolament (UE) 2016/1952:

- (1) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tingħata deroga mll-produzzjoni ta' data statistika għas-snin ta' referenza 2017 u 2018 għal:
  - il-punt 5(b) tal-Anness I relata mad-data dwar il-prezzijiet għal-livell ta' konsum I6;
  - il-punt 6(a) tal-Anness I;
  - il-punt 4(b) tal-Anness II relata mad-data dwar il-prezzijiet għal-livell ta' konsum IG;
  - il-punt 5(a) tal-Anness II relata mas-subkomponenti tal-prezzijiet tan-netwerk u s-subkomponenti li jinkludu t-taxxi, t-tariffi, il-levies, u l-imposti.
- (2) Ir-Renju ta' Spanja għandu jingħata deroga mll-produzzjoni ta' data statistika għas-snin ta' referenza 2017 u 2018 għal:
  - il-punt 6(a) tal-Anness I relata tal-komponenti u s-subkomponenti;
  - il-punt 7 tal-Anness I relata mal-volumi tal-konsum annwali;
  - il-punt 5(a) u 5(b) tal-Anness II relatati mat-liet komponenti ewleni u mas-subkomponenti tal-prezzijiet tan-netwerk u mat-taxxi, it-tariffi, il-levies u l-imposti għall-prezzijiet tal-elettriku, u l-analiżi fi tliet partijiet ta' dawn il-prezzijiet tal-elettriku.
- (3) Ir-Repubblika Taljana għandha tingħata deroga mll-produzzjoni ta' data statistika għas-snin ta' referenza 2017 u 2018 għal:
  - il-punt 6(a) tal-Anness I relata mas-subkomponenti tal-prezzijiet tan-netwerk u s-subkomponenti li jinkludu t-taxxi, t-tariffi, il-levies, u l-imposti.
  - il-punt 5(a) tal-Anness II relata mas-subkomponenti tal-prezzijiet tan-netwerk u s-subkomponenti li jinkludu t-taxxi, t-tariffi, il-levies, u l-imposti.

(¹) ĠUL 311, 17.11.2016, p. 1.

(4) Ir-Repubblika ta' Ċipru għandha tingħata deroga mll-produzzjoni ta' data statistika għas-sena ta' referenza 2017 għal:

il-punt 5(a) tal-Anness II relatax mas-subkomponenti tal-prezzijiet tan-netwerk u s-subkomponenti li jinkludu t-taxxi, t-tariffi, il-levies, u l-imposti.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Taljana u lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

Marianne THYSSEN

*Membru tal-Kummissjoni*

---